Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 103/17/1

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 741/17:**

**Raymond Scerri (KI-327467M)**

(appellat)

**vs**

**Christopher Caruana (ID-545378M)**

(appellant)

27 ta' Jannar 2020.

1. **Dawn il-proċeduri jitrattaw talba ta' Christopher Caruana (rikorrent) sabiex jiġi ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sitt kambjali.**

2. <u>Fil-15 ta' Marzu 2017</u> Raymond Scerri ippreżenta ittra uffiċjali (Nru. 741/17) skont l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li biha sejjaħ lil Christopher Caruana sabiex iħallsu s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) valur ta' sitt kambjali ta' €500-il waħda, li Caruana kien iffirma.

3. <u>Fis-7 ta' April 2017</u> Christopher Caruana ippreżenta rikors skont l-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 li bih talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali. Talba bażata fuq dawn ir-raġunijiet:

- il-kambjali ma jinkludux in-numri tal-karti tal-identita` tal-persuni msemmija;
- fl-ittra uffiċjali m'hemmx indikazzjoni li Raymond Caruana qed jaġixxi f'isem jew għan-nom ta' *Carol Garage*, cjoe` l-entita` li lilha huma pagabbli l-kambjali;
- il-kambjali huma "nulli" għaliex il-konsiderazzjoni tagħhom hi illeċita, u dan għas-segwenti raġunijiet:-

(i) il-vettura qatt ma kienet reġistrata fuq isem Raymond Scerri;

(ii) il-vettura sa llum baqgħet ma ġietx trasferita fuq ismu (Christopher Caruana);

(iii) it-trasferiment qatt ma seta' jsir għaliex il-vettura li għadha l-Ingilterra għand id-ditta *CarplaceUK Ltd* ma tistax tiġi liċenzjata mill-awtoritajiet Ingliżi minħabba nuqqasijiet li għandha, u kwindi tinsab fi stat illegali.

4. B'deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2019 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent Caruana bl-ispejjeż kontrih.

5. Ir-rikorrent Christopher Caruana fid--29 ta' Lulju 2019 appella mid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-digriet tal-10 ta' Lulju 2019 u tilqa' t-talba tiegħu. **L-aggravji** huma:

(1) **Fl-ewwel lok** jilmenta li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra:

(a) li hemm dubju dwar min ħareġ il-kambjali:

(Hawn jaċċenna għall-fatt li l-kambjali mhux biss ma fihomx in-numri tal-identita` tal-persuni indikati, iżda wkoll għall-fatt li filwaqt li l-appellat jismu Raymond Scerri, il-kambjali ġew iffirmati minn Raymond Xerri u għalhekk isostni li huma monki); u

(b) li l-kambjali kienu pagabbli lil Carol Garage:

(Hawn jargumenta li għalhekk *in pessima ipotesi* kienet din l-entita` li setgħet titlob li l-kambjali jiġu reżi eżegwibbli. Jargumenta li Carol Garage u Raymond Scerri ċertament li m'humiex l-istess ħaġa u jaċċenna għall-fatt li ma tressqet l-ebda prova ta' xi rabta bejn Carol Garage u Raymond Scerri).

(2) **Fit-tieni lok** jilmenta li l-ewwel qorti irriteniet li l-fatt li vettura ma kinitx reġistrata fuq l-appellat ma jfissirx li mhux sid il-vettura, u li l-*log book* esebit ma setax jitqies bħala prova ta' min hu s-sid tal-vettura. Isostni invece li l-*log book* hu l-aqwa prova li seta' jesebixxi sabiex jistabbilixxi li l-appellat mhux sid il-vettura. Jilmenta wkoll li l-ewwel qorti injorat il-fatt li biex il-vettura tkun trasferita u reġistrata fuqu kien hemm bżonn il-firma tal-persuna li skont il-*log book* il-vettura hija reġistrata fuqha. In oltre jenfasizza li mhux minnu li huwa ħa l-pussess tal-vettura: isostni li din baqgħet għand Harry ġewwa l-Ingilterra.

(3) **Fit-tielet lok** jilmenta bil-fatt li l-ewwel qorti ma qisitx id-dokument maħruġ minn *"Vehicle & Operator Services Agency"* bħala prova tad-difetti elenkati.

(4) **Fir-raba' lok** jilmenta li l-ewwel qorti ma kkunsidratx il-fatt li l-obbligazzjoni kambjarja teżisti kontemporanjament mal-obbligazzjoni sottostanti u m'għandhiex l-effett ta' novazzjoni bejn il-partijiet. Jenfasizza li kambjala ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha, u dan aktar u aktar meta mill-provi in atti ma jirriżultax li l-kambjali in kwistjoni ġew ġirati lil terzi.

6. Fit-3 ta' Settembru 2019 l-appellat Raymond Scerri wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**PROVI (dokumenti):**

7. Mal-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu 2017 ġiet annessa kopja tal-iskrittura dwar bejgħ ta' "*breakdown truck*" kif ukoll kopja tas-sitt kambjali relattivi għall-ammont komplessiv mitlub fl-ittra.

8. L-iskrittura[1] (bla data) taqra hekk:

*"CAROL GARAGE*
*Mdina Road Żebbuġ*

*Jien Raymond Scerri bin-numru ta' identita` 327467M qed inbiegħ breakdown truck bin-numri tal-Ingilterra MX03BPF lil Christopher Caruana bin-numru tal-identita` 545378M għall-prezz ta' €7,500. Parti mill-prezz ta' €2,000 ħa jingħata quddiem u l-parti l-oħra sa titħallas €500 fix-xahar. Dan it-truck qed jinbiegħ tale quale.*

*Raymond Scerri* _______*(firma)*______
*Christopher Caruana* _______*(firma)*______
*Raymond Farrugia* _______*(firma)*______ "

9. Is-sitt kambjali[2] (numerati 6 sa 11) inħarġu fl-20 ta' Diċembru 2013 u kienu jimmaturaw:

| | | |
|---|---|---|
| Kambjala nru 6 | - | fit-30 ta' Ġunju 2014 |
| Kambjala nru 7 | - | fit-30 ta' Lulju 2014 |
| Kambjala nru 8 | - | fit-30 ta' Awwissu 2014 |
| Kambjala nru 9 | - | fit-30 ta' Settembru 2014 |

[1] Fol 6.
[2] Fol 4 u 5.

Kambjala nru 10 - fit-<u>30 ta' Ottubru 2014</u> u
Kambjala nru 11 - fit-<u>30 ta' Novembru 2014</u>.

Kull kambjala taqra hekk:

I Accept and Sign
____(*firma*)____

Exchange for EURO — A/C No.

(*data ta' maturita`*) — Malta, 20/12/2013

At sight **<u>Christopher Caruana</u>** pay for this sole bill of exchange to the order of **<u>Carol Garage</u>** the sum of €500 (five hundred euros) value in Car No **<u>MX03BPF</u>** and place to account as per advice.

To: ______________________ — ___(*firma*)____

__________________________ — Raymond Scerri

PAYMENT TO BE AFFECTED STRICTLY ON THE ABOVE DATE

Fuq ix-xellug (vertikalment) tidher il-firma ta' Christopher Caruana, u fuq il-lemin (in-naħa t' isfel) tidher il-firma ta' Raymond Scerri. Il-firma ta' Raymond Scerri taqra "*Ray Xerri*".

10. <u>Dok MAFX huwa r-reġistration certificate</u>[3] tal-vettura in kwistjoni MX03BPF. Dan id-dokument jindika li r-"*Registered Keeper"* huwa "ALS Plant & Salcage Ltd". Id-dokument stess jenfasizza li ma jikkostitwixxix prova ta' min huwa s-sid tal-vettura. Fil-fatt b'ittri kbar jaqra hekk:

*"THIS DOCUMENT IS NOT PROOF OF OWNERSHIP. It shows who is reponsible for registering and taxing the vehicle."*

11. <u>Dok MAFX1 huwa *inspection document*</u>[4] datat 27.02.2014 maħruġ mill-"Vehicle & Operator Services Agency" li jelenka numru ta' nuqqasijiet fir-rigward tal-vettura in kwistjoni. Jiġi osservat li l-parti ta' wara ta' dan id-dokument - fejn f'każ li l-vettura ma tgħaddix mit-test issir dikjarazzjoni f'dan is-sens u tiġi indikata r-raġuni - tħalliet vojta.

**<u>PROVI (xhieda).</u>**

[3] Fol 21.
[4] Fol 22.

12. L-appellant Caruana fl-affidavit[5] ikkonferma li xtara *tow-truck* li jieħu tliet karozzi mingħand l-appellat Raymond Scerri. Enfasizza li tkellem ma' Raymond Scerri, u ma jafx min huma "Carol Garage." Qal li xtrah biex jużah sabiex iniżżel il-karozzi mill-Ingilterra bih. Spjega li peress li t-trakk reġistrat l-Ingilterra u għandu *registration plates* Ingliżi mar l-Ingilterra sabiex jagħmel il-VRT hemmhekk iżda qal li l-pulizija għamlulu lista tal-affarijiet li kellhom bżonn isiru fuq it-trakk sabiex dan ikun jista' jintuża fit-triq.

13. Kompla jgħid li meta huwa kien mar biex jagħmel il-VRT kien akkumpanjah ċertu Hitesh Badiani, magħruf bħala Harry, ta' Carplace UK. Qal li xogħlu hu li jistorja l-vetturi, li minnhom ikun hemm uħud li eventwalment jinżlu Malta. Żied li wara l-VRT, Harry akkumpanjah ukoll għand mekkanik, li meta ra l-lista ta' affarijiet li kellhom isiru fuq it-trakk infurmah li l-ispejjeż kienu jammontaw għal madwar £4,000 (lira sterlina).

14. Spjega li meta sar jaf b'dawn l-ispejjeż kien ċempel lil Raymond Scerri "*u għidtlu li jien ma rridux dan it-trakk, u rrid flusi lura".* Qal li sa dak iż-żmien kien diġa qed iħallas €500 fix-xahar[6]. Qal li Scerri pero` kien irrifjuta li jieħu t-trakk lura u jtiħ flusu lura għaliex skont hu it-trakk kien tajjeb. Għalhekk qal li infurmah li kien se jwaqqaf il-pagamenti. "*Wara dik it-telefonata, waqqaft il-pagamenti tat-trakk li kienu sejrin għand Raymond Scerri*." Kompla jgħid li huwa ħalla t-trakk fil-pussess ta' Harry u li sa llum għadu għandu.

**L-ewwel aggravju.**

15. Il-fatt li l-kambjali ma jinkludux in-numri tal-karti tal-identita` tal-appellant u l-appellat ma jfissirx li huma nulli. Kif osservat tajjeb l-ewwel qorti l-ligi ma titlobx li jitniżżel in-numru tal-karta tal-identita' *ad validitatem*.

---

[5] Affidavit ta' Christopher Caruana, Dok CC1, fol 16, ikkonfermat bil-ġurament tiegħu fit-22 ta' Jannar 2018.

[6] Hawnhekk jidher li qed jagħmel riferenza għall-kambjali 1 sa 5, cioe` dawk preċedenti għall-kambjali 6 sa 11 mertu tal-proċeduri odjerni.

16. L-Artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13) jipprovdi:-

> "*Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha.*"

17. Kif osservat l-ewwel qorti, l-appellant fl-ebda ħin ma ċaħad li ffirma l-kambjali (ċioe` bħala d-*drawee*). Fil-fatt fl-affidavit stess xehed li kien qed iħallas pagamenti ta' €500 fix-xahar, proprju l-ammont li jidher fuq kull kambjala. Lanqas ma jista' jingħad li jeżisti dubju dwar il-persuna li ħarġet il-kambjali (ċioe` tad-*drawer*). Għalkemm huwa minnu li l-firma relattiva għall-isem "Raymond Scerri" (cioe` l-isem tal-appellat) taqra "Ray Xerri", din il-qorti tosserva li anke fuq l-iskrittura ta' bejgħ taqra hekk. Iżżid li kif jargumenta l-appellat fir-risposta tal-appell, l-appellant kien preżenti waqt l-iffirmar tal-kambjali u kien jaf ma' min kien qed jikkuntratta, u għalhekk ma jistax jipprova jaħrab mill-obbligi tiegħu billi jargumenta li l-firma tal-appellat ma taqbilx mal-kunjom.

18. Issa fuq il-kambjali hemm dikjarat li l-ħlas għandu jsir lil "Carol Garage". Għalkemm l-appellant fl-affidavit tiegħu xehed li ma jafx min hi, dan assolutament mhux kredibbli għaliex l-iskrittura tal-bejgħ, fejn Raymond Scerri iddikjara li huwa kien qed ibiegħ it-trukk lil Caruana, tibda propju bil-kliem "*CAROL GARAGE, Mdina Road, Żebbuġ*". Fl-iskrittura hemm il-firma tal-appellant. Għalhekk kuntrarjament għal dak li jsostni l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, teżisti prova ċara ta' rabta bejn l-appellat Raymond Scerri u "Carol Garage". L-appellant kien jaf ma' min ftiehem. Rilevanti wkoll il-fatt li l-appellant evidentement kien diġa beda' jħallas lill-appellat il-kambjali 1 sa 5, cioe` dawk li mmaturaw fix-xhur preċedenti għal dawk odjerni.[7]

---

[7] Dakinhar tal-bejgħ ħallas €2000 mill-prezz ta' €7,500, imbagħad fix-xhur ta' wara ħallas €2,500 (cioe` ħallas il-kambjali 1 sa 5) u kien fadallu l-bilanċ ta' €3,000 (il-kambjali 6 sa 11 li b'dawn il-proċeduri l-appellant talab għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom).

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

19. Dwar il-*log book* (ossia *registration certificate* Dok MAFX), huwa inutli li l-appellant ikompli jsostni wkoll f'dan l-istadju li dan huwa l-aqwa prova tal-allegazzjoni tiegħu li l-vettura in kwistjoni ma kinitx proprjeta` tal-appellat, u li konsegwentement l-appellant ma kienx f'pożizzjoni li jbiegħhielu. Kif irrimarkat l-ewwel qorti, dan id-dokument stess jagħmilha ċara (adirittura b'ittri kbar) li ma hux prova ta' titolu, iżda jindika biss min huwa r-"*reġistered keeper*" tal-vettura.

20. Dak id-dokument m'huwiex prova li l-appellat ma kienx sid il-vettura. Dan apparti li l-appellant ma tax spjegazzjoni kif ikkonkluda l-bejgħ jekk kif igħid hu l-vettura ma kinitx il-proprjeta tal-appellat. M'hemmx prova li dak id-dokument ingħata lilu żmien wara l-bejgħ.

21. L-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel qorti ma qisitx li biex il-vettura tiġi reġistrata fuqu hemm bżonn il-firma tal-persuna li skont il-*log book* (ossia *registration certificate* Dok MAFX) il-vettura hija reġistrata fuqha. Jiġi osservat li f' Section 8 ta' dak id-dokument fil-fatt hemm spjegat hekk: "*Law: If the vehicle is sold or transferred, both the registered keeper and the new keeper must sign the certificate*". <u>Dak id-dokument pero` effettivament huwa ffirmat mir-"*registered keeper*"</u> iżda kwantu għad-dettalji tan-"*new keeper*" (Section 6) u baqa' mhux iffirmat min-"*new keeper*" (Section 8). Għalhekk m'hemmx provi li kien hemm xi ostakolu sabiex ir-registrazzjoni tal-vettura ddur f'isem l-appellant.

22. Dwar il-fatt li l-vettura preżentement tinsab fil-pussess ta' Carplace UK, kien l-appellant li ħa t-trukk hemmhekk u ħallieh hemm (ara affidavit tal-appellant a fol. 16). Wara li xtara t-trukk, l-appellant ħa l-pussess tat-trukk tant li hu stess xehed li, "*.... tellajtu l-Ingilterra sabiex nagħmel VRT u sabiex nibda nużah biex inniżżel il-karozzi lejn Malta*".

**<u>It-tielet aggravju.</u>**

23. Dwar il-kwistjoni tan-nuqqasijiet fuq l-*Inspection Document* maħruġ mill-*"Vehicle & Operator Services Agency"* (Dok MAFX1), il-parti ta' wara ta' dan id-dokument - fejn f'każ li l-vettura ma tgħaddix mit-test issir dikjarazzjoni f'dan is-sens u tiġi indikata r-raġuni - tħalliet vojta. Għalhekk kif osservat l-ewwel qorti dan id-dokument m'huwiex prova li ma setax jinħareġ iċ-ċertifikat tar-*road-worthiness* tal-vettura. Kieku stess ma tressqitx prova sodisfaċenti li l-ispejjeż relattivi fil-fatt jammontaw għal £4000, kif qiegħed isostni l-appellant. Dan apparti l-fatt li l-vettura inbiegħet *tale quale*.

24. Fir-rikors promotur l-appellant ilmenta li t-trasferiment ma setax isir għaliex, *".... l-vettura li għadha l-Ingilterra għand id-ditta Carplace UK Limited ma tista' qatt tiġi debitament liċenzjata mill-awtoritajiet Ingliżi minħabba n-nuqqasijiet li għandha u kwindi tinsab fi stat illegali"*. Ma saret l-ebda prova li prima facie t-trasfer f'isem l-appellant, ma setax isir. Dik baqgħet sempliċi allegazzjoni tal-appellant.

**<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

25. Finalment l-appellant ifakkar li l-obbligazzjoni kambjarja teżisti kontemporanjament mal-obbligazzjoni sottostanti (f'dan il-każ il-bejgħ tal-vettura) u m'għandhiex l-effett ta' novazzjoni bejn il-partijiet. Jenfasizza li kambjala ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha. Jargumenta li <u>ladarba</u> l-kambjali ma ġewx ġirati lil terzi, u <u>ladarba</u> huwa ta biżżejjed indikazzjonijiet li juru li almenu *"**prima facie**"* hemm xi tgħid fuq dak li wassal għall-ħruġ tal-kambjali, l-ewwel qorti ma setgħetx taqbad u twarrabhom bħala vessatorji jew inveritieri: isostni li l-każ jimmerita trattazzjoni aktar profonda. Huwa jsostni li ċ-ċirkostanzi tal-każ kif espost minnu jiġġustifikaw sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali taħt l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta (<u>ovvjament sabiex imbagħad jikkontesta l-azzjoni kambjarja eventwali).</u>

26. Hu floku li jsir aċċenn għad-differenza bejn kambjali ġirati lil terzi u kambjali li ma jkunux, ġialadarba l-appellant għamel riferenza għaliha. Kambjali ġirati lil terzi (a differenza ta' dawk li ma jkunux) jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni sottostanti.

27. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **<u>John Giordmaina et vs Joseph Pace</u>**[8] qalet:

*"...meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni originali... "*

28. Hija ddistingwiet bejn il-"fażi kuntrattwali" – meta l-kambjala ma tkunx ġirata - u l-"fażi kambjarja" – meta l-kambjala tkun ġiet ġirata:

*"Fi kliem ieħor, jekk kambjala tkun ġirata mill-ewwel benefiċjarju (payee) li hekk isir ġiranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftaħ azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traent-konvenut ma jistax jagħti kontra l-pussessur-attur eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti. Ir-raġuni hija ovvja: bejn it-traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, iżda biss relazzjoni kambjarja. Dan ifisser, contrario sensu, li eċċezzjonijiet personali għall-pussessur (u mhux personali għall-ġiranti biss) jistgħu jingħataw. <u>Fi kliem ieħor, jekk il-kambjala ma tkunx ġirata (u għalhekk tkun għadha fil-fażi kuntrattwali u ma tkunx daħlet fil-fażi kambjarja) it-traent-konvenut jista' jagħti kontra l-benefiċjarju-attur eċċezzjonijiet personali għalih".</u>*

29. L-Artikoli 197 u 198 tal-Kodiċi Kummerċjali (Kap 13) fil-fatt jiddistingwu bejn l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'azzjoni kambjarja meta l-kambjala tkun ġirata u meta ma tkunx hekk ġirata:-

*197. L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala.*

*198. (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*

*(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma.*

30. Iżda wkoll jekk l-Artikolu 198 tal-Kap 13 jippermetti li f'azzjoni kambjarja jsiru

[8] John Giordmaina et vs Joseph Pace, 16.01.2003, Prim' Awla.

eċċezzjonijiet ta' natura personali f'każijiet fejn il-kambjali ma jkunux ġew ġirati, tali eċċezzjonijiet huma limitati. il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**[9], b'riferenza għall-Artikolu 198 tal-Kap 13 irriteniet li huwa evidenti li l-leġislatur jrid li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul:

*"Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas tal-import tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*

31. Issa hekk kif l-eċċezzjonijiet li wieħed jista' jressaq fl-azzjoni kambjarja huma limitati, daqstant ieħor huma limitati r-raġunijiet li abbażi tagħhom wieħed jista' jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Il-proċedura għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali taħt l-Artikolu 253(e) hija fil-fatt ferm rigoruża u applikabbli biss:

    (i) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmatha (li mhux il-każ), jew

    (ii) meta jkun hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospenzjoni.

32. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 1637/12 datata 25 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs Turista Ltd**[10] osservat illi dawn ir-raġunijiet "gravi u validi" li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet kontemplati mill-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun*";

[9] Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe, 15.11.1993, Q tal-Kummerċ, JDC.
[10] Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 1637/12 datata 25 ta' Mejju, 2012, fl-ismijiet **Michael Attard Ltd vs Turista Ltd**, 22.11.2012, Prim' Awla, JRM.

33. Fil-kawża **Daniel Zerafa pen vs 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd**[11], il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ikkunsidrat x'jista jikkwalifika bħala raġunijiet "*gravi u validi*" biex titwaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali taħt l-Artikolu 253(e):

*"...wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttivita` tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita` tagħhom, fejn dan jitħalla jsir. It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, per eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."*

34. Ukoll fir-rigward tar-raġunijiet "*gravi u validi*" li jsemmi l-Artikollu 253(e), il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi**[12], fejn ir-raġuni li ngħatat kienet allegata użura, osservat:

*"Illi minn qari akkurat tal-imsemmi sezzjoni jidher ċar li hemm żewġ bażi għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża, u cioe` li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni tal-eżekuzzjoni. F'dak il-każ il-persuna li tesiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet ikollha quddiemha l-Qorti għandha tilqa' t-talba jew le. Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni.*

*Iżda min-naħa l-oħra l-leġislatur ma eliminax ir-riċerka li ssir f' kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ, iżda l-Artikolu 253(e) u l-proviso tiegħu ġie reż bħala proċedura (prima facie) diskrezzjonali f' idejn il-Qorti, bażat naturalment fuq raġunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-liġi ma jinstab il-kliem prima facie iżda kien ikun bla sens li l-Qorti tidħol fid-dettalji kollha tal-proċeduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proċeduri ma ġewx eliminati mil-leġislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni ġusta tal-liġi tittieħed f' dan is-sens."*

35. Fil-kawża **Wara l-ittra uffiċjali numru 3570/2011 fl-ismijiet: Adrian Warrington vs Josef Galdes**[13] il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili irriteniet illi għall-finijiet ta' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala, l-eżami għandu jkun wieħed *prima facie* billi r-rikorrent jkun qed jitlob biss l-opportunita' li

[11] Daniel Zerafa pro et nomine vs 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd, 19.09.2013, Prim' Awla, JRM.
[12] Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, 05.02.2008, Prim' Awla, LFS.
[13] Wara l-ittra uffiċjali numru 3570/2011 fl-ismijiet: Adrian Warrington vs Josef Galdes, 30.04.2012, JA.

jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali:

*"Għalhekk il-Qorti trid tara jekk prima facie jeżistux raġunijiet, dejjem skond is-sub-artiklu msemmi mir-rikorrenti, biex il-Qorti tagħti ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-intimat huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk l-intimat hemmhekk ikollux opportunita' jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet."*

36. Għall-qorti lanqas m'għandu jkun li fl-eventwalita' li kellha tiġi preżentata *actio cambiaria*, isir dak li suppost isir f'kawża ta' difetti latenti. Jekk jiġi permess li jingħataw eċċezzjonijiet ta' dik ix-xorta, għall-qorti jkun ifisser li l-azzjoni kambjarja tiġi żnaturata apparti li jkunu eċċezzjonijiet li ma jistgħux jiġu determinati malajr. Il-qorti tfakkar li l-*actio cambiaria* min-natura tagħha hi ntiża li tkun deċiża mill-qorti fl-iqsar żmien possibbli.

37. L-ewwel qorti osservat kif għalkemm l-appellant allega li l-vettura kienet difettuża, baqa' jżommha, u ma bediex proċeduri sabiex ifittex għad-drittijiet tiegħu. Bejgħ li jidher li sar fl-aħħar tas-sena 2013, tant hu hekk li l-kambjali għandhom id-data tal-20 ta' Diċembru 2013, u l-appellant baqa' passiv għal dawk is-snin kollha sakemm fil-bidu ta' Marzu, 2017 irċieva l-ittra uffiċjali. Dan minkejja li skont id-dokumenti li ppreżenta l-istess appellant, l-ispezzjoni tal-vettura barra minn Malta saret fis-27 ta' Frar, 2014. Jekk l-appellant kellu xi pretensjoni, wieħed kien jippretendi li minnufih jieħu passi ġudizzjarji sabiex iħoll il-bejgħ u jitħallas lura l-flus li kien ħallas lill-bejjiegħ u mhux ikompli jagħmel pagamenti. L-indikazzjoni hi li wara t-test li sar fl-aħħar ta' Frar, 2014 l-appellant ħallas pagamenti skont il-ftehim li kellu mal-appellat. Tant hu hekk li l-ewwel kambjala li tissemma fl-ittra uffiċjali, hi dik li mmaturat fit-30 ta' Ġunju, 2014 bin-numru '6'. Għall-qorti dan ifisser li kien hemm ħames kambjali preċedenti li tħallsu mill-appellant fix-xhur ta' qabel minkejja li skont l-appellant it-trukk għandu difetti li biex jissewwew ifissru spiża ta' £4,000. L-appellant lanqas ma spjega kif baqa' jħallas minkejja dak li qiegħed jallega. Dan il-fatti kollha jkomplu jsaħħu l-fehma ta' din il-qorti li wara dawn is-snin kollha li sar il-bejgħ, l-appellant ma jistax jippretendi li hemm raġunijiet gravi sabiex tintlaqa' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell tal-appellant Caruana, tikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel qorti, bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant Caruana.**

Anthony Ellul.